***Worksheet* Ċ6.2.4**

Nidentifikaw u niddiskutu żewġ drittijiet li għandu kull student Malti.

**A: Aqra x'inhuma jgħidu dawn iż-żewġt itfal, imbagħad wieġeb.**

*Jisimni Lomar u għandi 9 snin. Jiena noqgħod f'pajjiż fqir. L-iskola hawnhekk hija obbligatorja sa 10 snin. Kif nagħlaq l-10 snin missieri mhux biħsiebu jibgħatni skola iktar. Għandu bżonni fl-għelieqi, inkella l-familja tagħna tbati l-ġuħ. Nixtieq inkompli nistudja ħa nilħaq għalliem u nkun nista' neduka lit-tfal tar-raħal fejn noqgħod jien. Imma probabbli mhux ser jirnexxili!*





*Jisimni Lina u għandi 7 snin. Jiena Maltija. L-iskola hawnhekk hija obbligatorja sa 16-il sena. Imma m'iniex biħsiebi nieqaf ta' 16; nixtieq immur il-Junior College, imbagħad, jekk ngħaddi mill-eżamijiet immur l-Università. Nixtieq insir accountant.*
*Il-ġenituri tiegħi ġa qaluli li huma se jkomplu jgħinuni biex nilħaq l-ambizzjoni tiegħi.*

**A: Wieġeb billi tagħmel sinjal taħt it-tajba ~~timmarka t-tajbin~~ jew billi timla l-vojt.**

1. Liema minn dawn huwa dritt bażiku li għandu jkollhom it-tfal kollha?
   (a) Id-dritt li jkollhom rota BMX.
   (b) Id-dritt li jieklu *hamburger* mill-inqas darbtejn f'ġimgħa.
   (c) Id-dritt li jitgħallmu jiktbu u jaqraw.

2. Liema minn dawn huwa dritt bażiku ieħor li għandu jkollhom l-istudenti kollha?
   (a) Id-dritt li jirċievu 20 ewro x'jonfqu kull ġimgħa.
   (b) Id-dritt li jitgħallmu f'ambjent ħieles minn kull periklu.
   (c) Id-dritt li jkollhom televixin fil-kamra tagħhom.

3. Għaliex Lomar jinsab inkwetat dwar il-futur tiegħu?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

4. Għaliex Lina hija ottimista ħafna dwar il-futur tagħha?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

5. Semmi differenza li tinnota meta tqabbel il-ġenituri ta' Lomar mal-ġenituri ta' Lina.

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

**B: Imla l-vojt biex tifhem aħjar id-drittijiet imsemmija**.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | a | Dritt: | **Meta nimirdu, għandna dritt għal kura xierqa.** |
| | b | Semmi okkażjoni meta domt marid/a għal 3 ijiem jew iżjed. | ______________________ ______________________ |
| | ċ | X'għamel min jieħu ħsiebek meta mradt? | ______________________ ______________________ |
| | d | Min għenek tikkura ruħek? | |
| | e | X'taħseb li jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk ma ssibx min jikkurak? | ______________________ ______________________ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **2** | a | Dritt: | **Fl-iskola għandna nitgħallmu f'ambjent ħieles mill-periklu.** |
| | b | Semmi xi periklu li nistgħu niltaqgħu miegħu fl-iskola. | ______________________________<br>______________________________ |
| | ċ | Lil min għandna ninfurmaw jekk ninnutaw xi periklu? | |
| | d | X'taħseb li jistgħu jkunu l-konsegwenzi jekk ma jitneħħiex il-periklu? | ______________________________<br>______________________________ |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **3** | a | Dritt: | **It-tfal għandu jkollhom ħin għal-logħob u għall-mistrieħ.** |
| | b | Għid għaliex dan id-dritt huwa importanti ħafna? | ______________________________<br>______________________________ |
| | ċ | Min għandu jara li t-tfal igawdu dan id-dritt? | ______________________________<br>______________________________ |
| | d | Semmi żewġ eżempji fejn it-tfal jistgħu jgawdu ħin ta' logħob u mistrieħ. | ______________________________<br>______________________________<br>______________________________ |